# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 102/2023: **L-AVUKAT DOTTOR ALEXANDER SCHEMBRI (I.D. 373282M) U L-AVUKAT DOTTOR LUANA CUSCHIERI (I.D. 12595M) GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TAL-KUMPANIJA ESTERA I.C. REP MARIE EIRL V. BD ELECTRONICS LIMITED (C70961)**

(AMMONT DOVUT – KAPITOLU GĦAS-SUBIZZJONI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**18 ta' Marzu 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors[1] tal-Avukat Dottor Alexander Schembri u l-Avukat Dottor Luana Cuschieri għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija estera I.C. Rep Marie EIRL (imsejjħa "il-kumpanija rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") li permezz tiegħu talbu lil BD Electronics Limited (imsejjħa "il-kumpanija intimata" jew "l-intimata") sabiex tidher fil-ġurnata appuntata għas-smiegħ u tgħid 'l għaliex m'għandiex tiġi kkundannata li:

> **'tħallas lill-kumpanija attriċi s-somma ta' għaxart elef, ħames mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tletin ċenteżmu (€10,546.36) rappreżentanti l-prezz ta' merkanzija li ġie mħallas lilha mill-kumpanija attriċi skond il-kwotazzjoni tat-22 ta' Lulju 2022 (DOK A) liema merkanzija hija naqset milli tikkonsenja lill-kumpanija attriċi kif imwiegħed u pattwit u dan kif ser jirriżulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawża;**
>
> **Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra legali tat-22 ta' Settembru 2022 (DOK B) u tal-ittra uffiċjali tas-27 ta' Jannar 2023 (DOK C) u bl-imgħaxijiet dekoribbli mid-data tal-ħlas ossija mis-26 ta' Lulju 2022 (DOK D) sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-kumpanija konvenuta li r-rappreżentanti tagħha huma minn issa nġunti għas-subizzjoni"**

wara li rat li bl-Ordni *in camera* tagħha tal-1 ta' Ġunju 2023[2] maħruġa skond l-Art. 173(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti *inter alia* ordnat lill-intimata sabiex jekk

[1] Fol 1-7
[2] Fol 9-10

tixtieq tikkuntesta t-talbiet tar-rikorrenti tagħmel dan billi tippreżenta risposta entro għoxrin (20) ġurnata li tiġi notifikata bir-rikors promotur u b’dik l-Ordni,

wara li rat li l-intimata ġie notifikata bir-rikors promotur fit-13 ta’ Ġunju 2023[3],

wara li rat li l-intimata baqgħet ma daħħlet l-ebda risposta fil-perjodu stipulat,

wara li rat li fis-seduta tal-4 ta’ Diċembru 2023 l-intimata ma dehritx u ġie ppreżentat mir-rikorrenti bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti kapitolu għas-subizzjoni tal-istess intimata[4],

wara li rat illi l-intimata għal darb’ oħra naqset milli tidher fis-seduta tat-18 ta’ Marzu 2024 meta l-kawża kienet differita għas-subizzjoni tagħha,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża inkluż l-affidavit ta’ Philippe Marie, direttur tal-kumpanija rikorrenti,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Ir-rikorrenti qed titlob mill-intimata is-somma ta’ għaxart elef, ħames mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tletin ċenteżmu (€10,546.36) rappreżentanti l-prezz ta’ merkanzija li ġie mħallas minnha lill-intimata skond il-kwotazzjoni tat-22 ta’ Lulju 2022, liema merkanzija però l-intimata baqgħet qatt ma kkonsenjat kif imwiegħed u pattwit. Intalbu ukoll l-ispejjeż inklużi dawk ta’ ittra bonarja u ittra uffiċjali u kif ukoll l-imgħaxijiet mis-26 ta’ Lulju 2022.

2. L-intimata, notifikata skond il-liġi, baqgħet ma daħħlet l-ebda risposta. Fis-seduta tal-4 ta’ Diċembru 2023 l-intimat ma dehritx u ġie ppreżentat mir-rikorrenti bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti kapitolu għas-subizzjoni tal-istess intimata[5]. Fil-kapitolu, ir-rikorrenti talbet lill-intimata ‘*tipprova bil-ġurament li hija debitriċi tar-rikorrenti fis-somma u għar-raġunijiet indikati fir-rikors*’. Il-kawża imbagħad tħalliet għas-subizzjoni tal-intimata għall-15 ta’ Jannar 2024 u sussegwentement għat-18 ta’ Marzu 2024.

3. L-intimata għal darb’ oħra naqset milli tidher fis-seduta tat-18 ta’ Marzu 2024 meta l-kawża kienet differita għas-subizzjoni tagħha u dan sabiex iwieġeb għad-domanda tar-rikorrenti.

**Il-liġi u l-każistika kif applikabbli għall-intimata f’din il-kawża**

4. L-Artikolu 171(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta li jitratta t-“*tmexxija fil-Qrati Inferjuri*” jipprovdi testwalment kif ġej:

> ‘**171 (2). Il-kawża għandha titmexxa sommarjament skont l-artikolu 215**. ‘

[3] Fol 12 wara
[4] Fol 34
[5] Fol 34

5. L-Artikolu 215 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta imbagħad jipprovdi b'riferenza għall-Qrati Inferjuri illi:

    **'215. Il-qrati msemmijin fl-artikolu 213 għandhom imexxu sommarjament bl-akbar ħeffa li tkun kompatibbli mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, u għandhom iħarsu id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu joqogħdu mal-mod li bih għandu jitmexxa fil-qrati hawn fuq imsemmija bħal ma jingħad hawn fuq.'**

6. L-Artikolu 702(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi kif ġej:

    **'702 (1). Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, it-talba mill-attur għas-subizzjoni tal-konvenut issir fl-avviż imsemmi fl-artikolu 171.'**

7. L-Artikolu 699 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta però jipprovdi ukoll illi:

    **'699 (1). Fil-qrati kollha ta' kompetenza ċivili, il-kapitoli jsiru bil-miktub. Il-kapitoli għandhom jiġu approvati mill-qorti.**

    **(2) Il-kapitoli għandhom jiġu ppreżentati lill-qorti waqt is-smigħ tal-kawża għalbiex jiġu approvati'**

8. L-Artikolu 713 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi:

    **'713. Il-prova bil-mezz tas-subizzjoni tista' f'kull każ issir sew qabel kemm wara li jinġiebu provi oħra, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell.'**

9. It-talba għas-subizzjoni tal-intimata saret mir-rikorrenti kemm fir-rikors promotur u kif ukoll fis-seduta tal-4 ta' Diċembru 2023.

10. Issa skond l-Artikolu 702(3)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta *inter alia*, jekk il-parti, msejjħa għas-subizzjoni, ma tidhirx fil-jum mogħti għas-smigħ tal-kawża u l-pretenzjoni miġjuba quddiem il-Qorti tkun ta' aktar minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 582.34), kif inhu l-każ f'din il-kawża:

    **' 702 (3)(b) ... il-Qorti għandha tħalli l-kawża għal darb'oħra … u l-kapitoli kif ikunu ġew imniżżlin mill-qorti jitqiesu mistqarra kemm-il darba l-parti li tagħha tintalab is-subizzjoni, mingħajr ma tinġieb raġuni tajba għal dak in-nuqqas, terġa' tonqos li tidher fil-jum li għalih il-qorti tkun ħalliet il-kawża kif intqal. '**

11. Kif ingħad iżjed 'l fuq, wara li ġie ppreżentat il-kapitolu għas-subizzjoni tal-intimata fis-seduta tal-4 ta' Diċembru 2023, din il-Qorti ħalliet il-kawża għas-seduta tal-15 ta'

Jannar 2024 u sussegwentement għat-18 ta' Marzu 2024. sabiex l-intimata twieġeb għad-domanda tar-rikorrenti.

12. Meta fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2024 l-intimata naqset għal darb' oħra milli tidher sabiex twieġeb għad-domanda tar-rikorrenti hija effettivament ammettiet illi hija debitriċi tar-rikorrenti fir-rigward tal-ammont mitlub u għar-raġunijiet indikati fir-rikors.

13. Fil-kawża **Anthony Borg v. Samwel Veneziani** (Qorti tal-Appell Ċivili, 181/97/01JSP deċiża fit-28 ta' April 1998) il-Qorti tal-Appell qalet illi

> "*din ic-ċirkustanza hi ħafna rilevanti għaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont reklamat mill-attur kien dovut lilu għal raġunijiet minnu pretiżi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut.*"

14. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza **Noel Sultana v. Tony Xerri** (App. Nru. 7/2009/1 PS – 07.07.2010):

> " *... huwa dejjem ta' rilevanza li jigi denotat f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-apprezzament tal-pertinenza u ta' l-influwenza tal-kapitoli tikkostitwixxi valutazzjoni ta' natura diskrezzjonali rizervata lill-gudikant fil-mertu... ghalkemm in-nuqqas ta' twegiba ghal kapitolu taghmel prova posittiva jew argoment indizzjarju ta' prova, il-valur ta' din l-istess prova seta' dejjem jigi mwarrab jekk, fuq l-apprezzament prudenzjali, jinstab li l-oggett tat-talba mhux sufficjentement suffragat minn elementi ohra ta' prova akkwiziti mill-process.* "

15. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet ukoll fis-sentenza **James Trapani v. Vincent Cilia** (28.04.2000) illi:

> "*ghalkemm il-kapitoli jitqiesu konfessati pero dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga prodotta quddiem il-Qorti.*"

16. Ir-rikorrenti ma straħietx biss fuq l-ammissjoni preżunta tal-intimata iżda ressqet ukoll xhud bil-mezz tal-*affidavit* u ċioe lil **Philippe Marie**, direttur tagħha, fis-seduta tal-4 ta' Diċembru 2023 [6] fejn fost affarijiet oħra kkonferma li l-ammont mitlub kien għadu dovut.

17. Il-Qorti hija għalhekk iżjed minn sodisfatta illi l-bejgħ in kwistjoni għandu jiġi rexiss ai termini tal-Art. 1385 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi l-intimata naqset milli

---

[6] Fol 15-33

tikkonsenja l-merkanzija kif kienet obbligata tagħmel u għalhekk l-intimata għandha tirrifondi lura lir-rikorrenti s-somma mitluba bl-imgħaxijiet u spejjeż kif mitluba.

**Deċiżjoni**

18. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi:**

1. **tiddikjara r-rexissjoni tal-bejgħ magħmul skond il-kwotazzjoni tat-22 ta’ Lulju 2022 billi l-intimata naqset milli tikkonsenja l-merkanzija lir-rikorrenti,**

2. **tiddikjara li l-intimata hija għalhekk debitriċi tar-rikorrenti fis-somma ta’ għaxart elef, ħames mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tletin ċenteżmu (€10,546.36),**

3. **tikkundanna lill-intimata tħallas lura din is-somma lir-rikorrenti bl-imgħax legali dekoribbli mis-26 ta’ Lulju 2022 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Bl-ispejjeż kif mitluba kontra l-intimata.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur